MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-2 ta' Novembru, 2005

Rikors Numru. 626/2005

**Fl-Atti taċ-Ċitazzjoni numru 458/05JRM fl-ismijiet:**

**George PORTELLI u Anthony Vassallo**

**vs**

**Anna PSAILA, Paul Abela, Luisa Abela u Kristina Abela**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fit-22 ta' Ġunju, 2005, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, r-rikorrenti Anna Psaila, Paul Abela, Luisa Abela, u Kristina Abela talbu (a) it-tħassir għal kollox tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 835/05 maħruġ kontrihom fis-16 ta' Ġunju, 2005, fuq talba tal-intimati eżekutanti George Portelli u Anthony Vassallo, u dan għar-raġunijiet maħsuba fl-artikolu 836(1)(ċ)(d) u (f)

tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta; (b) l-kundanna tal-intimati eżekutanti għall-ħlas ta’ penali għall-finijiet tal-artikolu 836(8) tal-imsemmi Kodiċi, bla ħsara u b’riżerva ta’ azzjoni għall-ħlas ta’ danni għall-finijiet tal-artikolu 836(9); u (ċ) f’każ li l-Qorti ma tilqax l-ewwel talba, il-kundanna tal-imsemmija intimati eżekutanti għall-għoti ta’ garanzija xierqa fi żmien li l-Qorti tipprefiġġilhom, għall-finijiet tal-artikolu 838A tal-Kodiċi, u fin-nuqqas tat-tressiq ta’ liema garanzija fl-imsemmi żmien, it-tħassir tal-Mandat;

Rat il-verbal tas-smigħ tal-11 ta’ Ottubru, 2005, mnejn jirriżulta li l-intimati eżekutanti iddikjaraw li huma kienu ressqu Tweġiba għar-rikors tal-eżekutati fis-7 ta’ Ottubru, 2005, liema Tweġiba ma tirriżultax li tagħmel parti mill-atti tar-Rikors;

Rat it-talba magħmula mill-għaref avukat tar-rikorrenti waqt is-smigħ tal-11 ta’ Ottubru, 2005, li biha ressaq proposta ta’ garanzija alternativa xierqa għall-kunsiderazzjoni tal-intimati eżekutanti;

Rat il-verbal tas-smigħ tal-lum, li fih, (a) fl-ewwel lok, ir-rikorrenti identifikaw il-proprjeta’ (li tappartjeni lir-rikorrenti Anna Psaila u żewġha Austin Psaila flimkien u solidalment bejniethom) li huma kienu qegħdin iressqu bħala ġid alternativ b’garanzija għall-pretensjonijiet tal-intimati kif dedotti fil-Mandat ta’ Inibizzjoni fuq imsemmi; (b) fit-tieni lok, ir-rikorrenti Anna Psaila f’isimha proprju u f’isem u bħala mandatarja ta’ żewġha msiefer, iddikjarat u ntrabtet li ma tagħmel jew tħalli li jsir xejn li, bis-saħħa tiegħu, l-imsemmija proprjeta’ tiġi trasferita jew b’xi mod li jkun mgħobbija b’xi dejn jew piż favur terzi persuni; (ċ) fit-tielet lok, l-għaref avukat tal-intimati eżekutanti iddikjara li jaċċetta l-imsemmija proprjeta’ bħala ġid aletrnativ xieraq li jiggarantixxi l-pretensjonijiet kollha tal-istess intimati kif magħmula fil-Mandat imsemmi kontra l-eżekutati; u (d) fir-raba’ lok, id-dikjarazzjoni tal-għaref avukat tar-rikorrenti li, fid-dawl tal-aċċettazzjoni min-naħa tal-intimati tal-garanzija xierqa alternativa offerta, ir-rikorrenti kienu qegħdin jirrinunzjaw għall-ewwel talba tagħhom kwantu mibnija fuq id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 836(1)(d) u (f), u

kienu qegħdin jirrinunzjaw ukoll għat-tieni u t-tielet talbiet tagħhom;

Rat l-atti kollha rilevanti;

Rat id-degriet tagħha tal-lum li bih ħalliet ir-rikors għall-provvediment kamerali;

***Ikkunsidrat:***

Illi, fid-dawl tad-dikjarazzjonijiet verbalizzati mid-difensuri tal-partijiet waqt is-smigħ tal-lum, il-kunsiderazzjoni waħdiena li l-Qorti jifdlilha li tqis hija l-kawżali tat-tħassir tal-Mandat kawtelatorju fuq il-fatt li jkun hemm garanzija xierqa oħra biex tissoddisfa l-pretensjoni tar-rikorrent eżekutant tal-imsemmi Mandat;

Illi biex jista' jingħad li teżisti garanzija xierqa oħra li tagħmel tajjeb għall-pretensjoni ta' min talab il-ħruġ tal-Mandat għall-finijiet tal-Artikolu 836(1)(ċ) tal-Kodiċi, irid jintwera li tali garanzija trid tkun tinstab fi ħdan l-istess persuna eżekutata, u dan, ġeneralment, minn stħarriġ tal-ġid li hija jista' jkollha, ukoll jekk tali garanzija hija kostitwita "bil-ħruġ ta' att kawtelatorju ieħor". Kreditu li jista' jkun dovut lill-persuna eżekutata minn terza persuna ma jammontax bħala garanzija adegwata fil-konfront ta' intimat eżekutat ieħor[1]. Iżda, min-naħa l-oħra, l-biżgħa li l-ġid alternativ li jitressaq bħala garanzija jista' jintuża mid-debitur eżekutat biex jiggarantixxi xi obbligazzjoni oħra m'għandhiex, waħedha, sservi biex tirrendi dak il-ġid bħala mhux xieraq bħala garanzija alternativa għall-pretensjoni tal-eżekutant[2]. Wara kollox, il-Qorti tista' dejjem torbot lil min iressaq il-garanzija alternativa xierqa biex ma jagħmel xejn dwar dak il-ġid li bih jista' jnaqqas jew ixellef is-saħħa ta' dik il-garanzija;

Illi, f'materja ta' garanzija xierqa alternativa, l-piż tal-prova li jeżisti ġid ieħor li jista' jagħmel tajjeb għall-pretensjonijiet

[1] Ara P.A. TM **18.9.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***John Żarb vs Port Cottonera Ltd.***
[2] Ara P.A. TM **5.6.2003** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Emanuel Sammut et vs Josephine Sammut***

tal-intimat eżekutant  jaqa' biss fuq il-parti eżekutata rikorrenti[3];

Illi, fil-każ preżenti, l-intimati eżekutanti, wara li kellhom okkażjoni jiflu sewwa diversi ġid offert mir-rikorrenti eżekutati bħala garanzija alternativa għall-pretensjonijiet tagħhom taħt il-Mandat, minflok il-ġid miżmum bl-istess Mandat,  dehrilhom li jagħżlu minn fost il-ġid indikat lilhom. L-għażla tagħhom tal-proprjeta' msemmija fl-Insinwa numru 17564/2001, u li ġiet għand ir-rikorrenti Anna Psaila (flimkien ma' żewġha) b'kuntratt tat-tmienja (8) ta' Ottubru, 2001, hija xiehda li l-intimati wkoll jaċċettaw li teżisti proprjeta' oħra li tagħti garanzija alternativa għall-pretensjonijiet tagħhom.  B'żieda ma' dan, ir-rabta magħmula mill-istess rikorrenti Psaila waqt is-smigħ tal-lum, u sakemm iddum pendenti l-kwestjoni dedotta fil-kawża fil-mertu, iżżid fis-saħħa tal-garanzija;

Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti ssib li r-rikorrenti seħħilhom juru li għandhom raġuni tajba biex il-Mandat ta' Inibizzjoni maħruġ kontra tagħhom jitħassar, bla ħsara għall-jedd tal-intimati taħt l-artikolu 836(5) li jitolbu l-ħruġ ta' Mandat kawtelatorju ieħor jekk kemm-il darba ssir xi ħaġa dwar il-ġid alternativ offert bħala garanzija li tkun tikkostitwixxi ċirkostanza ġdida li tiġġustifika l-ħruġ ta'Mandat bħal dak;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi li:

Filwaqt li **tastjeni li tqis aktar** l-ewwel talba tar-rikorrenti in kwantu msejsa fuq id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 836(1)(d) u (f) tal-Kap 12, u t-tieni u t-tielet talbiet tagħhom, billi dawn irrinunzjaw għalihom waqt is-smigħ tal-lum;

**Tilqa' l-ewwel talba** tar-rikorrenti kwantu msejsa fuq id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 836(1)(ċ) tal-Kap 12, billi tiddikjara li teżisti garanzija oħra xierqa li tissoddisfa l-pretensjonijiet tal-intimati kif dedotti fl-Atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 835/05 tas-16 ta' Ġunju, 2005, liema

[3] Ara P.A. GC **3.8.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Dr. Tonio Fenech noe  vs  Dr. Patrick Spiteri pro et noe et***

garanzija tikkonsisti fil-ġid imfisser fin-Nota ta’ Iskrizzjoni numru 17564 tas-sena 2001, datata tletin (30) ta’ Novembru, 2001, u għalhekk tħassar għal kollox l-imsemmi Mandat;

Tordna wkoll li, fiċ-ċirkostanzi, **l-ispejjeż** ta’ dan ir-rikors jibqgħu mingħajr taxxa bejn il-partijiet.

Mogħti kameralment illum, 2 ta’ Novembru, 2005.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------